MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 52/1994/1

John u Elizabeth konjugi Vella .

vs

Carmel Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' "Tasika Auto Ltd" .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi bil-mandat ta' Qbid eżekuttiv fl-ismijiet "Carmel Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' Tasika Auto Ltd -vs- Sammy Vella  (Mandat Nru: 130/94) kienu ġew elevati u maqbuda mill-fond bin-numru disgħa u tletin ittra B (39 B), Ta' Ċenċ Street, Sannat, Għawdex l-oġġetti kollha deskritti fl-istess Mandat ta' qbid, liema oġġetti huma sottospecchio bil-mera, salott tal-kewba tad-drapp

bil-mejda u jikkonsisti f'erba' biċċiet, wall unit bl-ixkafef, linfa bit-tnax-il bozza, arloġġ bil-pendlu, lampshade u refrigerator tat-tip "Zanussi" ;

Illi dawna l-istess oġġetti mobbli ma humiex proprjeta' tal-istess Sammy Vella imma huma proprjeta' esklussiva tal-ġenituri tiegħu, John u Liża konjugi Vella u fil-fatt instabu mill-marixxal fid-dar residenzjali tal-istess konjuġi Vella, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża .

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-oġġetti hawn fuq imsemmija maqbuda bil-mandat ta' qbid eżekuttiv Numru : 130/94 fl-ismijiet "Carmel Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' Tasika Auto Ltd vs Sammy Vella" huma proprjeta' tal-atturi u mhux ta' binhom Sammy Vella ;

2. U konsegwentement tiddikjara null u bla effett fil-liġi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid eżekuttiv numru : 130/94 hawn fuq imsemmi esegwit fit-tmienja (8) ta' Marzu 1994 u li l-istess eżekuzzjoni tal-mandat tiġi revokata għal kull fini u effetti tal-liġi ;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Marzu 1994 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut nomine għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Elizabeth Vella .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi trid issir distinzjoni bejn il-mandat u l-eżekuzzjoni tiegħu, u għalkemm l-eżekuzzjoni tista' tkun difettuza għal xi raġuni jew oħra l-mandat jibqa' validu u effettiv u għalhekk minn dak stess li jingħad fil-korp taċ-ċitazzjoni t-tieni talba ma għandhiex tiġi milqugħa .

2. Illi fi kwalunkwe każ l-eżekuzzjoni tal-mandat saret fil-post fejn jabita d-debitur u għalhekk huwa preżunt li dak kollu li hemm fil-post ta' abitazzjoni tiegħu huwa proprjeta' tiegħu u għalhekk huwa l-istess debitur jew is-sid tal-oġġetti maqbuda li jrid jipprova l-kuntrarju .

3. Illi fi kwalunkwe każ il-konvenut ma għandux ibati spejjeż ta' dan il-ġudizzju .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut nomine debitament ġuramentata minn Carmel Camilleri .

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta' Gunju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li tiġi annullata l-esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid eżekuttiv, li permezz tiegħu ġew maqbuda oġġetti li jgħidu illi huma proprjeta' tagħhom u mhux ta' binhom, li proprjetament huwa d-debitur tal-konvenut nomine . Din l-esekuzzjoni saret fuq talba tal-konvenut nomine bħala l-kreditur eżekutant .

Il-kawża saret taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi kif kienu japplikaw qabel ma saru l-emendi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura ċivili fl-elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995), meta ma kienx għadu possibbli li jsir sempliċi rikors għall-istess fini.

Xehdu l-atturi u anke l-istess binhom, Sammy Vella, u lkoll ikkonfermaw illi l-oġġetti kollha li ġew maqbuda mill-marixxall tal-Qorti in eżekuzzjoni ta' dan il-Mandat kienu jappartjenu lill-konjuġi Vella, ġenituri tad-debitur, u kienu nxtraw minnhom sabiex jarmaw id-dar matrimonjali . Dakinhar ta' l-eżekuzzjoni binhom Sammy Vella, kien

għadu mhux miżewweġ u kien jirrisjedi magħhom fid-dar tagħhom . Ma kienx jaħdem u ma kellu ebda oġġetti tiegħu fl-istess dar, għajr għall-ħwejjeġ personali tiegħu .

Il-Qorti in vista ta' din id-depożizzjoni, jidhrilha illi ġie ppruvat sodisfaċentement illi tassew l-oġġetti maqbuda jappartjenu lill-atturi u mhux lil binhom d-debitur . Billi ma rriżultax bl-ebda mod illi huma kellhom jagħmlu tajjeb għal xi djun li seta' kellu l-istess binhom, l-eżekuzzjoni fuq proprjeta' mobbli tagħhom fir-residenza privata tagħhom qatt ma setgħet tkun ġustifikata .

Il-konvenut nomine jissottometti fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu illi anke jekk jirriżulta illi l-eżekuzzjoni tal-mandat *de quo* tirriżulta diffettuża, il-mandat għandu jibqa' fis-seħħ . Fil-fatt l-atturi qed jitolbu li tiġi annullata biss l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat u mhux ukoll il-mandat innifsu .

Għaldaqstant m'għandu jibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu .

Tiddeċidi għalhekk il-kawża, billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara illi l-oġġetti msemmija fiċ-ċitazzjoni li ġew maqbuda bil-mandat ta' qbid eżekuttiv numru 130/94 fl-ismijiet "Carmel Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' Tasika Auto Ltd. vs Sammy Vella", huma proprjeta' ta' l-atturi u mhux ta' binhom Sammy Vella ; u

2. konsegwentement tiddikjara null u bla effett fil-liġi l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid eżekuttiv numru 130/94 hawn fuq imsemmi u esegwit fit-8 ta' Marzu 1994 u għalhekk tirrevoka l-istess esekuzzjoni għal kull fini u effett tal-liġi .

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibgħu bla taxxa .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------